

# il-hajja ta' kristu gesu'





Kull sena l-Lhud kienu jiccelebraw il-festa ta' l-Ghid.  Kien Alla stess li kkmanda lill-poplu Lhudi biex ifakkar din il-festa kull sena, sabiex il-Lhud kollha jifhmu kemm Alla habb il-gens Lhudi meta salva lin-nieshom mill-Egizzjani fi zmien Mose'.

Gesu' u l-appostli kienu jehtiegu post fejn jieklu l-ikla ta' l-Ghid. Id-dixxipli resqu lejn Ġesù u qalulu: "Fejn tridna nħejjulek l-ikla ta' l-Għid?" U hu qalilhom: "Morru l-belt u tiltaqghu ma' ragel igorr garra ta' l-ilma. Imxu warajh  sad-dar fejn jidhol u ghidu lil sid dik id-dar :'Qallek l-Imgħallem: Is-siegħa tiegħi waslet; jien se nagħmel l-ikla ta' l-Għid  għandek  mad-dixxipli tiegħi.' " Id-dixxipli għamlu kif ordnalhom Ġesù u ħejjew l-ikla ta' l-Għid.



Meta sar filghaxija Gesu' dahal ma' l-appostli, libes fardal u beda'jahsel saqajn l-appostli wiehed wiehed bhalma qaddej jahsel saqajn sidu. L-appostli lkoll  baqghu mistghagba b'dan li l-Imghallem taghhom jahslilhom saqajhom.  Meta wasal ghal Pietru dan ma riedx izda Kristu qallu li jekk ma jahsillux saqajh dan ma jistax ikollu sehem

mieghu. Pietru mbaghad qallu: " Mhux biss saqajja izda, idejja u rasi ukoll."
Qallu Ġesù: "Min hu maħsul, ma għandux għalfejn jinħasel kollu, ħlief saqajh, għax hu kollu kemm hu nadif, u intom indaf, imma mhux ilkoll." Għax hu kien jaf min kien sejjer jittradih; għalhekk qal, 'M'intomx ilkoll indaf.'

Waqt l-ikla huwa kellimhom li ghandhom ihobbu wiehed lil iehor ghax minn hawn jintgharfu li huma segwaci tieghu. Wissiehom wkoll li ghandhom ikunu ta' servizz ghal xulxin bhalma hu hasel saqajn kull wiehed minnhom.



Imbaghad hu ha l-hobz fl-idejn imqaddsa tieghu bierku qasmu u qal: "Hudu u kulu lkoll minn dan ghax dan hu Gismi; aghmlu dan tifkira tieghi."
Ha, imbaghad il-kalci bl-imbid u wara li radd hajr lil Missieru tas-Sema, bierku u ta lid-dixxipli tieghu u qal: " Hudu u, ixorbu ilkoll; minn dan ghax dan huwa l-kalci ta' Demmi li ser jixxerred ghall-bnedmin; aghmlu dan b'tifkira tieghi.



Waqt l-ikla Gesu' talab ghal Appostli biex ikunu haga wahda u marbuta flimkien fl-imhabba. Fit-talba tieghu Gesu' inkluda lil dawk li jemmnu fih sabiex ix-xitan ma jqarraqx bihom u jibqghu jimxu warajh.

Kien waqt l-ikla wkoll li Gesu' hass dieqa kbira ta' qalb u habbrilhom li wiehed minnhom kien ser jittradih.

Huma bdew isewwdu qalbhom ħafna u kull wieħed minnhom beda jsaqsih: "Jaqaw jien, Mulej?"  U Ġesù weġibhom: "Dak li jmidd idu u jbill il-ħobż fi platt wieħed miegħi, dak li se jittradini. Bin il-bniedem imur kif hemm miktub fuqu imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa! Kien ikun aħjar għalih dak il-bniedem li kieku ma twieled xejn!"  Qabeż Ġuda, dak li ttradieh, u qallu: "Jaqaw jien, Rabbi?" Wieġbu Ġesù: "Int qiegħed tgħidu." Imbaghad Guda hareg 'l barra.  Imma l-appostli baqghu ma fehmux il-messagg billi hasbu li la darba Guda kellu l-flus f'idejh, hallihom ghal ftit biex imur jaghti karita'.



Imbaghad Gesu' wara li spiccaw l-ikla, talabhom biex iqumu bilwieqfa biex ikantaw innu. Wara, mal-hdax-il appostlu huwa hareg biex flimkien erhewlha lejn il-Gnien tal-Getsemani, post fen soltu kien jirtira biex hemm ghall-kwiet jitkellem fit-talb mal-Missier tieghu.

## RIFLESSJONI

Taf li Gesu' tak rigal hekk prezzjuz Lilu nnifsu taht ix-xbihat tal-Hobz u l-Imbid, imbaghad inti daqshekk jimpurtak minn hafna hwejjeg u Minnu ftit li xejn? Kun devot ta' Gesu' Ewkaristija, uri Fih interess kbir billi isma' l-Quddiesa u fiha titqarben ghax l-Ewkaristija hija l-ghexien tar-ruh. Hekk kif minghajr ikel il-gisem jiddghajjef hekk ukoll ir-ruh mhux biss tkun minghajr sahha, izda tkun qed tipperikola li tohrog mit-triq it-tajba.

Imxi dejjem fuq il-parir ta' Kristu: Hobb lil ghajrek bhalek innifsek u kun ta' servizz ghad-dghajjef.